


Il-Chorus Urbanus waqt il-cantata fil-Knisja Bażilika ta' San Ġorġ, fir-Rabat, Għawdex

# *"The Seven Words of Christ"* mill-Chorus Urbanus

Nhar Ħadd il-Palm, 5 t'April, il-Chorus Urbanus ippreżenta *The Seven Words of Christ* tal-kompożitur Theodore Dubois, fil-Bażilika ta' San Ġorġ fil-Belt Vittoria. Din il-*cantata* miktuba għal solisti, kor u *ensemble* kienet miktuba fl-1867 u ġiet ippreżentata għall-ewwel darba f'Malta propju f'dan il-kunċert. Is-solisti li ħadu sehem kienu Yvonne Galea (sopran), Joseph Aquilina (tenur) u Alfred Camilleri (baritonu). Is-solisti flimkiem mal-Chorus Urbanus u l-*ensemble* kienu taħt id-direzzjoni mużikali ta' Dr. John Galea, id-direttur ta' l-istess kor.

Din il-*cantata* hi maqsuma fi tmien movimenti: tiftaħ b'introduzzjoni għas-sopran segwita minn moviment għall-kull kelma ta' Kristu. Qabel kull moviment inqara ħsieb bil-Malti u bl-Ingliż biex jintroduċi l-kelma rispettiva minn Carm Cachia u Tony Prescott. L-ensemble li akkumpanjat lill-kor u lis-solisti kienet iffurmata minn Ian Peter Bugeja (organ), Anne-Marie Camilleri Podesta' (arpa) u Frans Azzopardi (timpani).

Il-kunċert fetaħ bi tliet biċċiet *solos*: *Quia Respexit – Magnificat* ta' J.S. Bach, interpretata minn Cara Waring (sopran), *Pro Peccatis – Stabat Mater* ta' G. Rossini interpretata minn Noel Galea (baxx) u *The Holy City* ta' S. Adams, interpretata minn Mario Portelli (tenur), din ta' l-aħħar bis-sehem tal-Chorus Urbanus. Wara dawn, il-*cantata* ta' Dubois ġabet fit-tmiem dan il-kunċert għall-Ġimgħa Mqaddsa 2009. Il-compere tas-serata kien il-Kav. Joe. M Attard.

Ta' min isemmi li dan il-kunċert hu t-tieni wieħed f'temp ta' erba' xhur li l-Chorus Urbanus ppreżenta fil-Bażilika San Ġorġ. Il-kunċert preċedenti kien *Il-Kunċert tal-Milied* li nżamm nhar l-20 ta' Diċembru 2008 u li fih il-Chorus Urbanus interpreta l-*Pastoralmesse* tal-kompożitur Karl Kempter. F'dik l-okkażjoni, l-kor kien akkumpanjat mill-orkestra ta' l-Università Kore d'Enna li ngħabet apposta propju għal dan il-kunċert.



*Noel Galea (Baxx)*



Cara Waring (Soprano)

Ripetizzjoni ta' dan il-kunċert giet ippreżentata nhar it-Tlieta 7 ta' April 2009 fl-Aula Magna, fil-bini ta' l-Università l-Qadima, fil-Belt Valletta. Apparti r-ripertorju li ġie ppreżentat fl-ewwel kunċert, f'dan il-kunċert ġew esegwiti wkoll *Study for Strings* ta' P. Haas u *String Quartet in C Major op.1, No.6* ta' J. Haydn mill-University String Ensemble, kif ukoll *Fac ut Portem – Stabat Mater* ta' G.B. Pergolesi interpretata mill-mezzo-sopran Graziella Debattista.

## AĦBARIJIET MINN GĦAWDEX ma' Charles Spiteri





Mument waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa tal-okkażjoni fil-Kappella tal-Oratorju Don Bosco

# Il-75 sena mit-twaqqif u bidu tal-ewwel Oratorju f'Għawdex

L-Oratorju Don Bosco fakkar egħluq il-75 sena mit-twaqqif u l-bidu ta'l-ewwel Oratorju f'Għawdex. Għal din l-okkażjoni saret Manifestazzjoni Reliġjuża għat-tfal fl-istess ħin li fih kienet saret il-Kanonizazzjoni ta' Don Bosco f'April ta' l-1934.

L-istatwa ta' Don Bosco ttieħdet mingħand is-Sorijiet Sależjani fi triq it-Tiġrija għall-Oratorju Don Bosco fejn il-Vigarju Ġenerali Mons. Giovanni Bosco Gauci mexxa Quddiesa għat-tfal. Wara dawn intwerew film dwar Don Bosco. Filgħaxija imbagħad Mons. Nikol Cauchi, Isqof Emeritu għal Għawdex, mexxa Quddiesa Solenni ta' Radd il-Ħajr. Ħa sehem il-Chorus Urbanus taħt id-direzzjoni ta' Mro. Dr. John Galea.




*Il-Manifestazzjoni tat-tfal fi triq it-Tiġrija, fi triqtha lejn l-Oratorju Don Bosco*



*Mons. Isqof Grech jitbaxxa b'venerazzjoni quddiem xbiha ta' Marija ma' Binha Ġesù.*

# Is-Siegħa tal-Omm f'Ta' Pinu

Nhar is-Sibt 11 t'April, il-Knisja ingħaqdet ma' Marija fi stennija talqawmien ta' Kristu. L-E.T. Mons. Isqof Mario Grech, f'din il-ġurnata, filgħodu, mexxa ċelebrazzjoni Marjana, Is-Siegħa tal-Omm, fis-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna Ta' Pinu. It-talb kien ispirat mit-tradizzjoni tal-Liturġija Latina u dik Biżantina.

Il-qari tal-Vanġelu meħud minn ta' San Mattew, inqara mid-Djaknu Richard Farrugia, mill-Parroċċa tax-Xagħra. Waqt li s-Superjur ta' Dar Stella Maris, iż-Żebbuġ, Fr Mark Demanuele M.S.S.P. qara parti mid-diskorsi ta' Gregorju ta' Nikomedja, Isqof.



*Fr Mark Demanuele M.S.S.P., Superjur,*



Id-Djaknu Richard Farrugia,

F'kelmtejn Mons Isqof Grech qal illi Sibt il-Għid huwa s-"siegħa" tal-Omm, siegħa li fiha l-Mara, Bint Sijon, l-Għarusa u l-Omm tal-Knisja, għexet l-akbar prova tal-fidi u tar-rabta tagħha m'Alla.

Lejn tmiem iċ-ċelebrazzjoni, xi nisa, bħalma għamlu n-nisa li marru biex jidilku l-ġisem ta' Ġesù fil-qabar, bdew jidilku bil-fwejjaħ l-Artal, simbolu ta' Kristu.

Ċelebrazzjoni simili tiġi ċċelebrata ukoll fil-Bażilika Marjana ta' Santa Maria Maggiore ġewwa Ruma.

Il-kant, b'Fr Michael Galea fuq l-orgni, tmexxa minn Dorienne Portelli.